- (a) cases ta' kameras, cases ta' strumenti mużikali, cases ta' xkubetti, cases ta' strumenti tat-tpinġija, cases ta' g'izirajjen u kontenituri simili, ffurmati jew imdaħħlin apposta biex iżommu oġġett speċifiku jew sett ta' oġġetti, kif xieraq għal użu fit-tul u ppreżentati mal-oġġetti li għalihom huma intiżi, għandhom ikunu kklassifikati ma' tali oġġetti meta jkunu ta' tip normalment mibjugħ magħhom. Din ir-regola, madankollu, ma tapplikax għal kontenituri li jagħtu lill-oġġett intier il-karattru essenzjali tiegħu;
- (b) suġġetti għad-dispożizzjonijiet tar-regola 5(a), il-materjali u l-kontenituri ⁽¹⁾, tal-ippakkjar ippreżentati mal-oġġetti ta' ġo fihom għandhom ikunu kklassifikati mal-oġġetti jekk huma ta' tip normalment użati fl-ippakkjar ta' oġġetti bħal dawn. Madankollu, din id-dispożizzjoni ma torbotx meta materjali ta' ppakkjar jew kontenituri ta' ppakkjar bħal dawn ikunu jidhru biċ-ċar li huma qegħdin għal użu repetittiv.
6. Għal finijiet legali, il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fis-subintestaturi ta' intestatura għandha tiġi stabbilita skont it-termini ta' dawk is-subintestaturi u kwalunkwe noti tas-subintestaturi relatati u, *mutatis mutandis* skont ir-regoli ta' hawn fuq, skont il-kundizzjoni li s-subintestaturi fl-istess livell biss huma komparabbli. Għall-finijiet ta' din ir-regola t-taqsimha relattiva u n-noti tal-kapitolu japplikaw ukoll, sakemm il-kuntest ma jitlobx mod ieħor.

B. Regoli ġenerali li jikkonċernaw dazji

1. Id-dazji tad-dwana applikabbli għal oġġetti importati li joriġinaw f'pajjiżi li huma Partijiet Kuntrattwali tal-Ftehim Ġenerali fuq Tariffi u Negozju (GATT) jew li magħhom il-Unjoni Ewropea laqgħet ftehim li fih il-klawsola tat-tariffa tal-pajjiż l-aktar favorit għandhom ikunu d-dazji konvenzjonali murijin fil-kolonna 3 tal-iskeda tad-dazji. Sakemm il-kuntest ma jitlobx mod ieħor, dawn id-dazji konvenzjonali japplikaw għal oġġetti, għajr dawk imsemmijin hawn fuq, importati minn kwalunkwe pajjiż terz.

Ir-rati konvenzjonali tad-dazji murijin fil-kolonna 3 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2020.

Meta rati awtonomi tad-dazji jkunu inqas mir-rati konvenzjonali tad-dazji, japplikaw id-dazji awtonomi, murijin permezz ta' nota fil-qiegħ.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika fejn dazji tad-dwana awtonomi speċjali jingħataw fir-rigward ta' oġġetti li joriġinaw f'ċertu pajjiżi jew fejn dazji tad-dwana preferenzjali japplikaw skont ftehim li jkun sar.
3. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx jipprekludu lill-Pajjiżi Membri milli japplikaw dazji tad-dwana għajr dawk tat-Tariffa Doganali Komuni fejn l-applikazzjoni ta' dazji oħra bħal dawn tkun ġustifikata mil-liġi tal-Unjoni Ewropea.
4. Id-dazji mmizzlin bħala rati perċentwali huma dazji *ad valorem*.
5. Is-simbolu "EA" jindika li l-oġġetti kkonċernati jistgħu jkollhom taxxa ta' "komponent agrikolu" stipulat skont l-Anness 1.
6. Is-simbolu "AD S/Z" jew "AD F/M" fil-Kapitolu 17 sa 19 jindika li r-rata massima tad-dazju tikkonsisti f'dazju *ad valorem* biż-żieda ta' dazju addizzjonali għal ċerti forum ta' zokkor jew dqiq. Dan id-dazju addizzjonali huwa stipulat skont id-dispożizzjonijiet ta' Anness 1.
7. Fil-Kapitolu 22, is-simbolu "€/ % vol/hl" ifisser li dazju speċifiku, espress f'euro, għandu jkun kalkolat għal kull volum perċentwali ta' alkoħol għal kull ettolitru. B'hekk xarba li jkollha kontenut ta' alkoħol skont il-volum ta' 40 % għandha tkun intaxxata kif ġej:

⁽¹⁾ It-termini "materjali tal-ippakkjar" u "kontenituri tal-ippakkjar" ifissru kwalunkwe kontenituri, holders, sarr jew irfid — esterni jew interni — għajr l-armor għat-trasport (eż. containers tat-trasport), it-tarpolini, it-taljoli jew tagħmir ta' trasport anċillari. It-terminu "kontenituri tal-ippakkjar" ma jkoprix il-kontenituri msemmijin fir-regola ġenerali 5(a).

▼ **M218**

— “€ 1/% vol/hl” = € 1 × 40, li jagħti dazju ta’ € 40 għal kull ettolitru, jew

— “€ 1/% vol/hl + € 5/hl” = € 1 × 40 biż-żieda ta’ € 5, li jagħti dazju ta’ € 45 għal kull ettolitru.

Fejn, apparti minn dan, jidher valur minimu (MIN), eż. “€ 1,6/% vol/hl MIN € 9/hl”, dan ifisser li d-dazju, kalkolat fuq il-bażi tar-regola msemmija hawn fuq, għandu jkun komparat mad-dazju minimu, eż. “€ 9/hl”, u l-oġġla mit-tnejn għandu jkun applikat.

8. Meta fil-Kapitoli 17 sa 19 u 21 jidher valur massimu (MAX), eż. “(9 + EA) MAX (24,2 + AD S/Z)”, dan ifisser li d-dazju kkalkolat biż-żieda ta’ 9 % u “l-komponent agrikolu” (EA) ma jistgħux jaqbu s-somma ta’ 24,2 % u d-dazju addizzjonali fuq iz-zokkor (“AD S/Z”).

C. Regoli applikabbli kemm għan-nomenklatura kif ukoll għad-dazji

1. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor, id-dispożizzjonijiet relatati ma’ valur tad-dwana għandhom ikunu applikati biex ikun deċiż, apparti l-valur għall-kalkolu ta’ dazji tad-dwana *ad valorem*, il-valuri li b’referenza għalihom l-iskop ta’ ċerti intestaturi jew subintestaturi huwa definit.
2. Il-piż dazjabbli, fil-każ ta’ oġġetti li jkunu ntaxxati skont il-piż, u l-piżijiet li b’referenza għalihom l-iskop ta’ ċerti intestaturi jew subintestaturi huwa definit, għandu jitqies li huwa:

(a) fil-każ ta’ referenza għal piż gross, il-piż aggregat tal-oġġetti u tal-materjali ta’ ppakkjar u l-kontenituri ta’ ppakkjar kollha;

(b) fil-każ ta’ referenza għal piż nett jew sempliċement piż mingħajr kwalifika, il-piż tal-oġġetti nfushom mingħajr materjali ta’ ppakkjar jew kontenituri ta’ ppakkjar ta’ kwalunkwe tip.

3. L-ekwivalenti tal-ewro fil-muniti nazzjonali, għall-Istati Membri għajr dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw skont kif inhu ddefinit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98⁽²⁾ (minn hawn ‘il quddiem imsejħa “Stati Membri mhux parteċipanti”), għandu jiġi stabbilit skont l-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013⁽³⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

4. Oġġetti eliġibbli għal trattament ta’ tariffa favorevoli minħabba l-użu finali tagħhom:

Fejn id-dazju tal-importazzjoni li japplika, skont l-arranġamenti tal-użu aħħari, għall-oġġetti għal użu aħħari speċifiku ma jkunx anqas minn dak li normalment kien ikun japplika għal dawn l-oġġetti, l-imsemmija oġġetti għandhom jiġu kklassifikati fil-kodiċi li jirreferi għall-użu aħħari u ma għandux japplika l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

TAQSIMA II

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI

A. Oġġetti għal ċerti kategoriji ta’ vapuri, dgħajjes u bastimenti oħra u għal pjattaformi għat-tħaffir jew għall-produzzjoni

1. Id-dazji tad-dwana għandhom ikunu sospiżi għal oġġetti intiżi biex ikunu inkorporati f’vapuri, dgħajjes jew bastimenti oħrajn mniżżlin fl-iskeda li ġejja, għall-finijiet tal-konstruzzjoni, tiswija, manteniment jew konverżjoni tagħhom, u għal oġġetti intiżi biex jitwāhħlu fuq u jarmaw vapuri, dgħajjes jew bastimenti oħrajn bħal dawn.

2. Id-dazji tad-dwana għandhom ikunu sospiżi għal:

(a) oġġetti intiżi biex ikunu inkorporati fi pjattaformi għat-tħaffir jew produzzjoni taż-żejt:

⁽²⁾ ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

▼ **M218**

(1) fissi, tas-subintestatura ex 8430 49 li joperaw fil-baħar territorjali ta' Pajjiżi Membri jew barra minnu, jew

(2) li jżommu f'wiċċ l-ilma jew sommerġibbli, tas-subintestatura 8905 20,

għall-finijiet tal-kostruzzjoni, tiswija, manutenzjoni jew konverżjoni tagħhom, u għal oġġetti intiżi biex jarmaw l-imsemmijin pjattaformi.

Dawk l-oġġetti bħal karburanti tal-mutur, lubrikanti u gass, li huma meħtieġa għall-operazzjoni ta' magni u apparat li ma jaffettwax permanentement, u li mhumiex partijiet integrali mill-pjattaformi u li jintużaw abbord għall-kostruzzjoni, għat-tiswija, għall-manteniment, għall-konverżjoni jew għat-tagħmir ta' dawn il-pjattaformi jitqiesu ukoll li jintużaw biex ikunu inkorporati fi pjattaformi għal tħaffir jew produzzjoni taż-żejt;

(b) tubi, pajpijiet, kejbils, u l-partijiet ta' konnessjoni tagħhom, li jgħaqqdu dawn il-pjattaformi għal tħaffir jew produzzjoni mal-art prinċipali.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
8901	Vapuri tal-kruċiera, dgħajjes tal-eskurzjonijiet, ferry-boats, braken u bastimenti simili għat-trasport ta' persuni jew oġġetti:
8901 10	– Vapuri tal-kruċiera, dgħajjes tal-eskurzjonijiet u bastimenti simili prinċipalment iddisinjati għat-trasport ta' persuni; ferry-boats ta' kull tip:
8901 10 10	– – Li jbaħħru
8901 20	– Tankers:
8901 20 10	– – Li jbaħħru
8901 30	– Bastimenti friġġ, għajr dawk tas-subintestatura 8901 20:
8901 30 10	– – Li jbaħħru
8901 90	– Bastimenti oħrajn għat-trasport ta' oġġetti u bastimenti oħrajn għat-trasport kemm ta' persuni kif ukoll ta' oġġetti:
8901 90 10	– – Li jbaħħru
8902 00	Bastimenti għal sajd; bastimenti fabbrika u bastimenti oħrajn għall-ipproċessar jew l-ippreżervar ta' prodotti tas-sajd:
8902 00 10	– Li jbaħħru
8903	Jottijiet u bastimenti oħrajn għall-passatemp jew sports; dgħajjes tal-qdif u kenuri:
	– Oħrajn:
8903 91	– – Dgħajjes tal-qlugħ, b'mutur awżiljarju jew mingħajru:
8903 91 10	– – – Li jbaħħru
8903 92	– – Dgħajjes bil-mutur, minbarra dgħajjes b'mutur awtbord:
8903 92 10	– – – Li jbaħħru
8904 00	Laneċ tal-irmonk u "pusher craft":
8904 00 10	– Laneċ tal-irmonk
	– Pusher craft:
8904 00 91	– – Li jbaħħru

▼ M218

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
8905	Bastimenti ħfief, <i>fire-floats</i>, ħammiela, krejnijiet li jżommu f'wiċċ l-ilma, u bastimenti oħrajn li l-istat navigabbli tagħhom huwa sussidjarju għall-funzjoni prinċipali tagħhom; baċiri li jżommu f'wiċċ l-ilma; pjattaformi għal tħaffir jew għall-produzzjoni taż-żejt li jżommu f'wiċċ l-ilma jew li huma sommerġibbli:
8905 10	– Ħammiela:
8905 10 10	– – Li jbaħħru
8905 90	– Oħrajn:
8905 90 10	– – Li jbaħħru
8906	Bastimenti oħrajn, inklużi bastimenti tal-gwerra u dgħajjes tas-sopravivenza, għajr id-dgħajjes bil-qdif:
8906 10 00	– Bastimenti tal-gwerra
	– Oħrajn:
8906 90 10	– – Li jbaħħru

3. Is-sospensjonijiet għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea rilevanti bil-ħsieb ta' kontroll tad-dwana tal-użu ta' oġġetti bħal dawn.

B. Inġenji tal-ajru ċivili u oġġetti għall-użu f'inġenji tal-ajru ċivili

1. Ħelsien minn dazju tad-dwana huwa maħsub għal:

- inġenji tal-ajru ċivili,
- ċerti oġġetti għall-użu f'inġenji tal-ajru ċivili u biex ikunu inkorporati fihom fil-proċess tal-manifattura, tiswija, manutenzjoni, bini mill-ġdid, modifikazzjoni jew konverżjoni,
- tagħmir fuq l-art għat-taħriġ għat-titjir u l-partijiet tagħhom, għall-użu ċivili.

Dawn l-oġġetti huma koperti mill-intestaturi u s-subintestaturi elenkati fit-tabelli fil-paragrafu 5.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-ewwel u t-tieni inċiż, "inġenji tal-ajru ċivili" tfisser inġenji tal-ajru minbarra mezzi tal-ajru użati f'servizzi militari jew servizzi simili fil-Pajjiżi Membri li għandhom reġistrazzjoni militari jew mhux ċivili.
3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, it-tieni inċiż, l-espressjoni "għal użu f'inġenji tal-ajru ċivili" għandha tinkludi oġġetti li jintużaw fi trainers għal titjir fil-baxx għal użu ċivili.
4. L-eżenzjoni mid-dazji doganali huwa soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontrol doganali tal-użu ta' dawn il-prodotti (ara l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013).

Madankollu, dawn il-kundizzjonijiet ma għandhomx japplikaw f'każijiet fejn l-inġenji tal-ajru li jaqgħu taħt is-subintestaturi 8802 11, 8802 12, 8802 20, 8802 30, 8802 40 jkunu ddaħħlu kif suppost f'reġistru ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz skont il-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali datata s-7 ta' Diċembru 1944 u ssir referenza fid-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera għaċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni rilevanti.

▼ **M218**

Id-dispożizzjonijiet tal-punt C.4. tat-Taqsima I – Regoli Ġenerali, tad-Dispożizzjonijiet Preliminari tan-NM għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

5. LL-oġġetti li huma eliġibbli għal dan il-ħelsien mid-dazji tad-dwana huma koperti b'dawn l-intestaturi jew subintestaturi li ġejjin:

3917 40, 4011 30, 4012 13, 4012 20, 6812 99, 7324 10, 7326 20, 8302 10, 8302 20, 8302 42, 8302 49, 8302 60, 8407 10, 8408 90, 8409 10, 8411, 8412 10, 8412 21, 8412 29, 8412 31, 8412 39, 8412 80 80, 8412 90, 8413 19, 8413 20, 8413 30, 8413 50, 8413 60, 8413 70, 8413 81, 8413 91, 8414 10, 8414 20, 8414 30, 8414 51, 8414 59, 8414 80, 8414 90, 8415 81, 8415 82, 8415 83, 8418 10, 8418 30, 8418 40, 8418 61, 8418 69, 8419 50, 8419 81, 8421 19, 8421 21, 8421 23, 8421 29, 8421 31, 8421 39, 8424 10, 8479 90, 8483 10, 8483 30, 8483 40, 8483 50, 8483 60, 8483 90, 8484 10, 8484 90, 8501 32, 8501 52, 8501 61, 8501 62, 8501 63, 8502, 8504 10, 8504 31, 8504 32, 8504 33, 8504 40, 8504 50, 8507, 8511 10, 8511 20, 8511 30, 8511 40, 8511 50, 8511 80, 8518 10, 8518 22, 8518 29, 8518 30, 8518 40, 8518 50, 8519 81, 8521 10, 8526, 8528 52, 8529 10, 8531 10 95, 8531 20, 8531 80, 8539 10, 8544 30, 8801, 8802 11, 8802 12, 8802 20, 8802 30, 8802 40, 8803 10, 8803 20, 8803 30, 9001 90, 9002 90, 9014 10, 9025, 9029 20 38, 9030 31, 9030 33, 9030 89, 9032, 9104.

Għas-subintestaturi li ġejjin, il-ħelsien mid-dazju tad-dwana għall-użu tal-inġenji tal-arju ċivili hu mogħti biss lill-oġġetti deskritti fil-kolonna 2:

Subintestatura	Deskrizzjoni
3917 21 90, 3917 22 90, 3917 23 90, 3917 29 00, 3917 31, 3917 33, 3917 39 00, 7413 00, 8307 10, 8307 90	B'tagħmir imwahħhal
4008 29	Galvi, maqtugħin għal qies
4009 12, 4009 22, 4009 32, 4009 42	Tajbin għat-twassil ta' gassijiet jew likwidi
3926 90, 4016 10, 4016 93, 4016 99	Għall-użi tekniċi
4504 90	Gaskits, woxers u siġilli oħrajn
6812 80	Għajr ħwejjeġ, aċċessorji ta' ħwejjeġ, xedd is-saqajn u xedd ir-ras, karta, kartun qawwi, feltru jew materjal li jgħonġi ta' fibra ta' asbestos kompressat, f'folji jew rombli
6813 20, 6813 81, 6813 89	B'bażi ta' asbestos jew sustanzi minerali oħrajn
7007 21	Windskrins, mingħajr gwarniċi
7322 90	Heaters tal-arja u distributuri ta' arja sħuna (ħlief il-partijiet tagħhom)
7324 90	Oġġetti għall-kamra tal-banju (ħlief il-partijiet tagħhom)
7608 10, 7608 20	B'tagħmir magħhom, tajbin għat-trażmissjoni ta' gassijiet jew ta' likwidi
8108 90	Tubi u pajpijiet, b'tagħmir imwahħhal, tajbin għal trażmissjoni ta' gassijiet jew likwidi
8415 90	Ta' magni ta' arja kundizzjonata tas-subintestatura 8415 81, 8415 82 jew 8415 83
8419 90	Partijiet ta' unitajiet għal trasferiment ta' sħana
8479 89	Batteriji idropnewmatiċi; azzjonisti mekkaniċi għal qtugħ tal-imbuttatura (<i>thrust reversers</i>); unitajiet tat-tojlit maħdumin apposta; umidifikaturi u deumidifikaturi tal-arja; servomekkanizmi, mhux elettriċi; muturi tal-istarter mhux elettriċi; starters pnevmatiċi għat-turbojets, turbopropellers u turbini oħrajn tal-gass; wajpers tal-windskrin, mhux elettriċi; regolaturi tal-iskrejjien, mhux elettriċi
8501 20, 8501 40	B'output li jaqbeż is-735 W iżda li ma jaqbix il-150 kW
8501 31	B'output li jaqbeż is-735 W, ġeneraturi DC
8501 33	Muturi b'output li ma jaqbix il-150 kW u ġeneraturi
8501 34	Ġeneraturi, b'output li jaqbeż it-375 kW

▼ M218

Subintestatura	Deskrizzjoni
8501 51	B'output li jaqbeż is-735 W
8501 53	B'output li ma jaqbiżx il-150 kW
8516 80 20	Assemblat biss b'bobina sempliċi iżolata u konnessjonijiet elettriċi, użati għal kontra s-silġ jew għat-tneħħija tas-silġ
8522 90	Immuntar u sub-immuntar magħmulin minn żewġ partijiet jew biċċiet jew aktar marbutin jew imwahnin flimkien, għal apparat tas-subintestatura 8519 81
8529 90	Immuntar u subimmuntar magħmulin minn żewġ partijiet jew biċċiet jew aktar marbutin jew imwahnin flimkien, għal apparat tas-subintestatura 8526
8536 70	Konnektors ta' plastik użati għal fibra ottika, mazzi jew kejbils ta' fibra ottika
8543 70 04, 8543 70 90	Reġistraturi ta' titjriet, <i>synchros</i> u <i>transducers</i> elettriċi, defrostaturi u <i>demisters</i> b' <i>resistors</i> elettriċi
8803 90 90	Inklużi l-glajders
9020 00	Esklużi l-partijiet
9029 10	Apparat għal kejl ta' dawran tal-elettriku jew elettroniku
9029 90	Apparat għal kejl ta' dawran, indikaturi ta' veloċità u takometri
9109 10, 9109 90	Ta' wisa' jew dijametru li ma jaqbiżx il-50 mm
9405 10, 9405 60	Ta' plastik jew ta' metall ta' valur baxx
9405 92, 9405 99	Ta' plastik jew ta' metall ta' valur baxx, tal-oġġetti tas-subintestatura 9405 10 jew 9405 60

6. L-oġġetti speċifikati fil-paragrafu 5 qegħdin integrati fil-kodiċi TARIC skont is-subintestatura b'referenza f'qiegħ il-paġna kif ġej: “L-entrata f'din is-subintestatura hija soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni Ewropea (ara l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013)”.

Madankollu, għas-subintestaturi 8802 11, 8802 12, 8802 20, 8802 30, 8802 40, ir-referenza tan-nota ta' qiegħ il-paġna tiddikjara li:

“L-entrata f'din is-subintestatura hija soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni Ewropea (ara l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013). Dawn il-kundizzjonijiet ma għandhomx japplikaw f'każijiet fejn l-inġenji tal-ajru jkunu ddaħħlu kif suppost f'reġistru ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz skont il-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali datata s-7 ta' Diċembru 1944 u ssir referenza fid-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera għaċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni rilevanti.”

C. Prodotti Farmaċewtiċi

1. Ħelsien minn dazju tad-dwana huwa maħsub għal prodotti farmaċewtiċi tal-kategoriji li ġejjin:

- (1) sustanzi farmaċewtiċi koperti mill-CAS RN (*chemical abstracts service registry numbers*) u mill-*international non-proprietary names* (INNs) elenkati fl-Anness 3;
- (2) imlieh, esterji u idrati ta' INN li jistgħu jkunu deskritti billi jkunu kombinati INN tal-Anness 3 ma' prefissi jew suffissi tal-Anness 4, sakemm prodotti bħal dawn jistgħu jkunu kklassifikati fl-istess subintestaturi tas-SA b'6 numri bħall-INN rilevanti;
- (3) imlieh, esterji u idrati ta' INN li huma elenkati fl-Anness 5 u li mhumiex klassifikabbli fl-istess subintestaturi tas-SA b'6 numri bħall-INN korrispondenti;

▼ **M218**

- (4) intermedji farmaċewtiċi, jiġifieri komposti ta' tip użati fil-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi lesti li huma koperti mill-CAS RN u l-ismijiet kimiċi, elenkati fl-Anness 6.

2. **Każijiet speċjali:**

- (1) INNs ikopru biss dawk is-sustanzi mfissra fil-listi ta' INNs rakkomandati u proposti ppublikati mill-Għaqda Dinjija għas-Saħħa (WHO). Fejn in-numru ta' sustanzi koperti minn INN huwa inqas minn dak kopert miċ-CAS RN, dawk is-sustanzi koperti mill-INN biss għandhom ikunu suġġetti għal trattament mingħajr dazju;
- (2) fejn prodott tal-Anness 3 jew l-Anness 6 ikun identifikat minn CAS RN jikkorrispondi għal *isomer* speċifiku, dak l-*isomer* biss jista' jikkwalifika għal trattament mingħajr dazju.
- (3) derivattivi doppji (imlieh, esteri u idrati) ta' INNs identifikati permezz ta' kombinament ta' INN tal-Anness 3 ma' prefiss jew suffiss tal-Anness 4 jikkwalifikaw għal trattament mingħajr dazju, sakemm huma jkunu kklas-sifikabbli fl-istess subintestatura SA b'sitt numri bħall-INN rilevanti:

eżempju: ester tal-analina metil, idrokloru;

- (4) fejn INN tal-Anness 3 huwa melħ (jew ester), l-ebda melħ (jew ester) ieħor tal-aċidu li jikkorrispondi mal-INN ma jista' jikkwalifika għal trattament mingħajr dazju:

eżempju: potassju oxprenolat (INN): mingħajr dazju

sodju oxprenolat: mhuwiex bla dazju

D. Rata standard tad-dazju

1. Dazju tad-dwana għandu jitħallas bir-rata fissa ta' 2,5 % *ad valorem* fuq oġġetti:

— li jkunu f'kunsinni mibgħutin minn individwu privat lil ieħor, jew

— li jkunu fil-bagalji personali tal-vjaġġaturi,

sakemm dawn l-importazzjonijiet ma jkunux ta' natura kummerċjali.

Din ir-rata fissa ta' 2,5 % dazju doganali għandha tapplika, sakemm il-valur intrinsiku tal-oġġetti soġġetti għal dazji ta' importazzjoni ma jaqbiż is-€ 700 għal kull konsenja jew għal kull vjaġġatur.

Din il-valutazzjoni b'rata fissa ma għandhiex tapplika għal oġġetti li għalihom ir-rata tad-dazju fl-iskeda ta' dazji doganali hija "eżentata" u għal oġġetti tal-Kapitolu 24 li jinstabu f'konsenja jew f'bagalji personali talpassiġġieri f'ammonti li jeċċedu dawk elenkati fl-Artikolu 27 jew skont l-Artikolu 41 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009 tas-16 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mid-dazju doganali ⁽⁴⁾.

2. Importazzjonijiet għandhom jitqiesu li mhumiex ta' natura kummerċjali jekk:

- (a) fil-każ ta' oġġetti li jkunu f'kunsinni mibgħutin minn individwu privat lil ieħor, kunsinni bħal dawn:

— ikunu ta' natura okkażjonali,

— ikun fihom oġġetti esklużivament għall-użu personali tad-destinatarju jew tal-familja tiegħu, li bin-natura jew kwantità tagħhom ma jirriflettu l-ebda interess kummerċjali,

⁽⁴⁾ ĠU L 324, 10.12.2009, p. 23.

▼ **M218**

— jintbagħtu lid-destinatarju mill-kunsinnatarju mingħajr ħlas ta' kwalunkwe tip;

(b) fil-każ ta' oġġetti li jkunu f'bagalji personali tal-vjaġġaturi, huma:

— jkunu ta' natura okkażjonali u

— jikkonsistu esklużivament minn oġġetti għall-użu personali tal-vjaġġaturi jew tal-familji tagħhom, jew minn oġġetti maħsubin bħala rigali; in-natura u l-kwantità ta' oġġetti bħal dawn m'għandhomx ikunu tali li jistgħu jindikaw li huma qed ikunu importati għal raġunijiet kummerċjali.

3. Ir-rata fissa tad-dazju tad-dwana m'għandhiex tapplika għal oġġetti importati taħt il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 1 u 2 jekk il-persuna intitolata, qabel ma r-rata fissa msemmija ġiet applikata għalihom, talbet biex huma jkunu suġġetti għal dazji tad-dwana kif suppost. L-oġġetti kollha li jiffurmaw il-kunsinna għandhom imbagħad ikunu suġġetti għad-dazji tal-importazzjoni kif suppost, mingħajr preġudizzju għad-dħul mingħajr dazju maħsub skont l-Artikoli 25 sa 27 u 41 tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, dazji tal-importazzjoni għandhom ifissru kemm dazji tad-dwana u taxxi li għandhom effett ekwivalenti u taxxi oħrajn ta' importazzjoni maħsubin skont il-politika komuni agrikola jew skont arranġamenti speċifiċi applikabbli għal ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli.

4. Pajjiżi Membri mhux parteċipanti jistgħu jqarrbu għall-eqreb ammont f'munita nazzjonali li jirriżulta mill-konverżjoni tas-somma ta' € 700.

5. L-Istati Membri mhux parteċipanti jistgħu jżommu l-ekwivalenti tas-somma ta' EUR 700 fil-munita nazzjonali mingħajr ma ssir konverżjoni jekk fil-ħin tal-aġġustament annwali stipulat fl-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, il-konverżjoni ta' dan l-ammont, qabel ma jsir aġġustament taċ-ċifra għad-dritt, kif stipulat fil-paragrafu 4, tirriżulta f'konverżjoni ta' inqas minn 5 % tas-somma ekwivalenti fil-munita nazzjonali, jew fi tnaqqis tagħha.

E. Kontenituri u materjali tal-ippakkjar

Id-dispożizzjonijiet li ġejjin huma applikabbli għall-kontenituri u l-materjali tal-ippakkjar imsemmijin fir-regola ġenerali interpretattiva 5 (a) u (b) u mqegħdin fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa fl-istess ħin bħall-oġġetti li huma jkollhom fihom jew li magħhom huma jkunu preżentati.

1. Meta l-kontenituri u l-materjali ta' ppakkjar ikunu kklassifikati mal-oġġetti skont id-dispożizzjonijiet tar-regola ġenerali interpretattiva 5, huma għandhom:

(a) iħallsu l-istess rata ta' dazju tad-dwana bħall-oġġetti:

— fejn oġġetti bħal dawn huma suġġetti għal dazju tad-dwana *ad valorem*, jew

— fejn huma għandhom ikunu inklużi fil-piż taxxabli tal-oġġetti;

(b) imdaħħlin mingħajr dazji tad-dwana:

— fejn l-oġġetti jkunu mingħajr dazju tad-dwana, jew

— fejn l-oġġetti huma taxxabli mod ieħor ħlief b'referenza għall-piż jew għall-valur, jew

— fejn il-piż tal-kontenituri u l-materjali tal-ippakkjar ma għandux ikun inkluż fil-piż taxxabli tal-oġġetti.

▼ **M218**

2. Fejn il-kontenituri u l-materjali ta' ppakkjar koperti mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 (a) u (b) ikun fihom jew ikunu preżentati flimkien ma' oġġetti ta' diversi deskrizzjonijiet tat-tariffa, il-piż u l-valur tal-kontenituri u l-materjali ta' ppakkjar għandhom, bil-għan li jkun determinat il-piż jew il-valur taxxabbli tagħhom, jitqassmu fost l-oġġetti kollha ta' ġewwa, bi proporzjon mal-piż jew mal-valur ta' dawk l-oġġetti.

F. Trattament favorevoli ta' tariffa minħabba fin-natura tal-oġġetti

1. Taħt ċerti kundizzjonijiet, trattament favorevoli ta' tariffa minħabba fin-natura tal-oġġetti huwa maħsub għal:

- oġġetti mhux tajbin għall-konsum,
- żrieragħ,
- drapp tal-għarbiel, mhux maħdum,
- ċerti tipi ta' għeneb tal-mejda frisk, tabakk u nitrat.

Dawn l-oġġetti huma koperti bis-subintestaturi ⁽⁵⁾ in-nota ta' referenza fil-qiegħ f'dawn it-termini: "Id-dħul f'din is-subintestatura huwa suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fit-taqsima II, il-paragrafu F, tad-dispożizzjonijiet preliminari." jew "Dan it-trattament tariffarju favorevoli huwa suġġett għall-konformità mal-formalitajiet u l-kundizzjonijiet stipulati fit-taqsima II, il-paragrafu F, tad-dispożizzjonijiet preliminari."

2. Oġġetti mhux tajbin għall-konsum li għalihom jingħata trattament tariffarju favorevoli minħabba fin-natura tagħhom huma elenkati fl-Anness 8 b'referenza għall-intestatura li fiha huma klassifikati flimkien mad-deskrizzjoni u l-kwantitajiet tad-denaturanti użati. Oġġetti bħal dawn jitqiesu li mhux tajbin għall-konsum meta l-oġġetti li għandhom ikunu denaturati u id-denaturanti jkunu mħalltin b'mod omoġenju u s-separazzjoni tagħhom mhijiex ekonomikament vijabbli.
3. L-oġġetti elenkati hawn taħt għandhom ikunu kklassifikati fl-intestaturi xierqa għal żerriegħa jew għal żriegħ, sakemm l-oġġetti huma konformi mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni Ewropea:

- għall-qamħirrun ħelu, *spelt*, qamħirrun ibridu, ross u sorgu (Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE ⁽⁶⁾);
- għall-patata taż-żriegħ (Direttiva tal-Kunsill 2002/56/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 ⁽⁷⁾);
- għal żerriegħa żejtnija u frott żejtni (Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 ⁽⁸⁾).

Meta qamħirrun ħelu ibridu, *spelt*, qamħirrun ibridu, ross, sorgu ibridu jew żerriegħa żejtnija u frott żejtni huma ta' tip li għalih ma japplikawx id-dispożizzjonijiet agrikoli, għandu jingħata trattament favorevoli ta' tariffa minħabba fin-natura tagħhom, sakemm ikun stabbilit li l-oġġetti huma attwalment intiżi għaż-żriegħ.

⁽⁵⁾ Is-subintestaturi u l-Kodiċijiet TARIC ikkonċernati huma: 0408 11 20, 0408 19 20, 0408 91 20, 0408 99 20, 0701 10 00, 0712 90 11, 0806 10 10, 1001 91 10, 1005 10 13, 1005 10 15, 1005 10 18, 1006 10 10, 1007 10 10, 1106 20 10, 1201 10 00, 1202 30 00, 1204 00 10, 1205 10 10, 1206 00 10, 1207 21 00, 1207 40 10, 1207 50 10, 1207 91 10, 1207 99 20, 2401 10 35, 2401 10 85, 2401 10 95, 2401 20 35, 2401 20 85, 2401 20 95, 2501 00 51, 3102 50 00 10, 3105 90 20 10, 3105 90 80 10, 3502 11 10, 3502 19 10, 3502 20 10, 3502 90 20, 5911 20 00.

⁽⁶⁾ ĠU P 125, 11.7.1966, p. 2309.

⁽⁷⁾ ĠU L 193, 20.7.2002, p. 60.

⁽⁸⁾ ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74.

▼ **M218**

4. Drapp tal-għarbiel, mhux maħdum, għandu jingħata trattament tariffarju favorevoli bil-kundizzjoni li l-oġġetti jkunu mmarkati b'mod li ma jitħassarx b'manjiera li tidentifikahom li huma intiżi għall-għarbiel jew għal finijiet simili industrijali.
5. Għeneb tal-mejda frisk, tabakk u nitrat jingħataw trattament favorevoli ta' tariffa meta jkun ippreżentat ċertifikat awtentikat kif suppost. Id-dispożizzjonijiet partikolari li għandhom jiġu applikati u l-mudelli taċ-ċertifikati jinsabu fl-Anness 9.

▼ **M218****SINJALI, ABBREVJAZZJONIJIET U SIMBOLI**

★	Tirreferi għal numri ġodda tal-kodiċi
■	Tirreferi għal numri tal-kodiċi użati s-sena ta' qabel iżda jkopru oġġetti differenti
AD F/M	Dazju żejjed fuq id-dqiq
AD S/Z	Dazju żejjed fuq iz-zokkor
b/f	Flixkun <i>flask</i>
cm/s	Ċentimetru/i fis-sekonda
EA	Komponent agrikolu
€	Ewro
INN	Isem Internazzjonali Mhux Proprjetarju
INN.M	Isem Internazzjonali Mhux Proprjetarju Modifikat
ISO	Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni
Kbit	1 024 bits
kg/br	Kilogramm, gross
kg/net	Kilogramm, nett
kg/net eda	Kilogramm piż nett imqattar
kg/net mas	Kilogramm nett, ta' materja niexfa
MAX	Massimu
Mbit	1 048 576 bits
MIN	Minimu
ml/g	Millilitru/i kull gramma
mm/s	Millimetru/i fis-sekonda
RON	Numru Ottan ta' Riċerka (<i>Research octane number</i>)

Nota:

Numru ta' intestatura mqiegħed bejn parentesi kwadri fil-kolonna 1 tal-Iskeda tad-Dazji tad-Dwana jindika li l-intestatura kienet imħassra (eż. l-intestatura [1519]). Meta f'anness tal-iskeda tad-dazji doganali, ir-referenza tal-anness tkun tinsab f'parenteżi kwadri, dan jindika li l-kontenut ta' dak l-anness ikun tħassar (eż. [Anness 7]).

▼ **M218****UNITAJIET SUPPLIMENTARI**

c/k	Karati (1 karat metriku = 2×10^{-4} kg)
ċe/el	Numru ta' ċelluli
ċt/l	Kapaċità ta' ġarr f'tunnellati ⁽⁹⁾
g	Gramm
gi F/S	Gramm ta' isotopi fissili
kg H ₂ O ₂	Kilogramm perossidu tal-idroġenu
kg K ₂ O	Kilogramm ossidu tal-potassju
kg KOH	Kilogramm idrossidu tal-potassju (potassa kawstika)
kg met.am.	Kilogramm metilamini
kg N	Kilogramm nitroġenu
kg NaOH	Kilogramm idrossidu tas-sodju (soda kawstika)
kg/net eda	Kilogramm piż nett xott
kg P ₂ O ₅	Kilogramm ta' pentaossidu difosforu
kg 90 % sdt	Kilogramm ta' sustanza 90 % xotta
kg U	Kilogramm ta' uranju
1 000 kWh	1000 kilowatt - sigħat
l	Litru
l alc. 100 %	Litru alkoħol pur (100 %)
m	Metru
m ²	Metru kwadru
m ³	Metru kubu
1 000 m ³	1 000 metru kubu
pa	Għadd ta' pari
p/st	Għadd ta' oġġetti
100 p/st	Mitt oġġett
1 000 p/st	Elf oġġett
TJ	Terajoule (valur kalorifiku gross)
—	L'ebda unità supplimentari

⁽⁹⁾ "Kapaċità ta' ġarr f'tunnellati" (ċt/l) tfisser il-kapaċità ta' ġarr ta' bastiment espressa f'tunnellati, mingħajr ma tinkludi l-imħażen tal-vapur (karburant, tagħmir, provvisti tal-ikel, eċċ.). Il-persuni li jinġarru abbord (ekwipaġġ u passiġġieri) u l-valiġġa tagħhom huma esklużi wkoll.

▼ M218

IT-TIENI PARTI

SKEDA TA' DAZJI TAD-DWANA

▼ M218

TAQSIMA I

ANNIMALI ĦAJJIN; PRODOTTI MINN ANNIMALI

Noti

1. Kwalunkwe referenza f'din it taqsima għal ġeneru jew speċi partikolari ta' animal, ħliet fejn il-kuntest jitlob mod ieħor, tinkludi referenza għall-frieħ ta' dak il-ġeneru jew ta' dik l-ispeċi.
2. Ħliet fejn il-kuntest jitlob mod ieħor, tul in-nomenklatura kwalunkwe referenza għal prodotti "mnixxfn" tkopri wkoll prodotti li kienu ddeidrati, evaporati jew iffriżati u mnixxfn (*freeze-dried*).

KAPITOLU I

ANNIMALI ĦAJJIN

Nota

1. Dan il-kapitolu jkopri l-annimali ħajjin kollha, ħliet:
 - (a) ħut u krustaċċi, molluski u invertebrati akkwatiċi oħrajn, tal-intestaturi 0301, 0306, 0307 jew 0308;
 - (b) kulturi ta' mikroorganizi u prodotti oħrajn tal-intestatura 3002; u
 - (ċ) annimali tal-intestatura 9508.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali tad-dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
0101	Żwiemel, ħmir tal-barr, bġhula u bġhula bin il-ħmara:		
	– Żwiemel:		
0101 21 00	– – Annimali ta' razza pura għat-tnissil ⁽¹⁾	Bla ħlas	p/st
0101 29	– – Oħrajn:		
0101 29 10	– – – Għall-qtil ⁽²⁾	Bla ħlas	p/st
0101 29 90	– – – Oħrajn	11,5	p/st
0101 30 00	– Ħmir tal-barr	7,7	p/st
0101 90 00	– Oħrajn	10,9	p/st
0102	Annimali bovini ħajjin:		
	– Bhejjem tal-ifrat:		
0102 21	– – Annimali ta' razza pura għat-tnissil ⁽³⁾ :		
0102 21 10	– – – Għoġġiela (bovini nisa li qatt ma welldu)	Bla ħlas	p/st
0102 21 30	– – – Baqar	Bla ħlas	p/st
0102 21 90	– – – Oħrajn	Bla ħlas	p/st
0102 29	– – Oħrajn:		
0102 29 05	– – – Tas-subġens <i>Bibos</i> jew tas-subġens <i>Poephagus</i>	Bla ħlas	p/st

⁽¹⁾ Id-dħul f'din is-subintestatura huwa soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni Ewropea (ara r-Regolament (UE) 2016/1012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 171, 29.6.2016, p. 66); ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/717 (ĠU L 109, 26.4.2017, p. 9); ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/262 (ĠU L 59, 3.3.2015, p. 1)).

⁽²⁾ Id-dħul f'din is-subintestatura huwa soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni Ewropea (ara l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1)).

⁽³⁾ Id-dħul f'din is-subintestatura huwa soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni Ewropea (ara r-Regolament (UE) 2016/1012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 171, 29.6.2016, p. 66); ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/717 (ĠU L 109, 26.4.2017, p. 9); ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 133/2008 (ĠU L 41, 15.2.2008, p. 11); id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/510/KE (ĠU L 210, 20.8.1996, p. 53)).

▼ M218

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali tad-dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
	— — — Oħrajn:		
0102 29 10	— — — — Ta' piż li ma jaqbiżx it-80 kg	10,2 + 93,1 €/100 kg/net ⁽¹⁾	p/st
	— — — — Ta' piż li jaqbeż it-80 kg iżda li ma jaqbiżx il-160 kg:		
0102 29 21	— — — — Għall-qatla	10,2 + 93,1 €/100 kg/net	p/st
0102 29 29	— — — — Oħrajn	10,2 + 93,1 €/100 kg/net ⁽¹⁾	p/st
	— — — — Ta' piż li jaqbeż il-160 kg iżda li ma jaqbiżx it-300 kg:		
0102 29 41	— — — — Għall-qatla	10,2 + 93,1 €/100 kg/net	p/st
0102 29 49	— — — — Oħrajn	10,2 + 93,1 €/100 kg/net ⁽¹⁾	p/st
	— — — — Ta' piż li jaqbeż 300 kg:		
	— — — — Għoġġiela (bovini nisa li qatt ma welldu):		
0102 29 51	— — — — Għall-qatla	10,2 + 93,1 €/100 kg/net	p/st
0102 29 59	— — — — Oħrajn	10,2 + 93,1 €/100 kg/net ⁽¹⁾	p/st
	— — — — Baqar:		
0102 29 61	— — — — Għall-qatla	10,2 + 93,1 €/100 kg/net	p/st
0102 29 69	— — — — Oħrajn	10,2 + 93,1 €/100 kg/net ⁽¹⁾	p/st
	— — — — Oħrajn:		
0102 29 91	— — — — Għall-qatla	10,2 + 93,1 €/100 kg/net	p/st
0102 29 99	— — — — Oħrajn	10,2 + 93,1 €/100 kg/net ⁽¹⁾	p/st
	— Buflu:		
0102 31 00	— — Animali ta' razza pura għat-tnissil ⁽²⁾	Bla ħlas	p/st
0102 39	— — Oħrajn:		
0102 39 10	— — — Speċijiet domestiċi	10,2 + 93,1 €/100 kg/net	p/st
0102 39 90	— — — Oħrajn	Bla ħlas	p/st
0102 90	— Oħrajn:		
0102 90 20	— — Animali ta' razza pura għat-tnissil ⁽²⁾	Bla ħlas	p/st

⁽¹⁾ Kwota tariffarja tad-WTO.⁽²⁾ Id-dħul f'din is-subintestatura huwa soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni Ewropea (ara r-Regolament (UE) 2016/1012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 171, 29.6.2016, p. 66); ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/717 (ĠU L 109, 26.4.2017, p. 9); ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 133/2008 (ĠU L 41, 15.2.2008, p. 11); id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/510/KE (ĠU L 210, 20.8.1996, p. 53)).

▼ M218

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali tad-dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
	-- Oħrajn:		
0102 90 91	-- -- Speċijiet domestiċi	10,2 + 93,1 €/100 kg/net	p/st
0102 90 99	-- -- Oħrajn	Bla ħlas	p/st
0103	Ħnieżer ħajjin:		
0103 10 00	-- Animali ta' razza pura għat-tnissil ⁽¹⁾	Bla ħlas	p/st
	-- Oħrajn:		
0103 91	-- -- Li jiżnu inqas minn 50 kg:		
0103 91 10	-- -- -- Speċijiet domestiċi	41,2 €/100 kg/net	p/st
0103 91 90	-- -- -- Oħrajn	Bla ħlas	p/st
0103 92	-- -- Li jiżnu 50 kg jew iżjed:		
	-- -- -- Speċijiet domestiċi:		
0103 92 11	-- -- -- -- Majjali nisa li jkunu ferrgħu għall-inqas darba, ta' piż mhux inqas minn 160 kg	35,1 €/100 kg/net	p/st
0103 92 19	-- -- -- -- Oħrajn	41,2 €/100 kg/net	p/st
0103 92 90	-- -- -- Oħrajn	Bla ħlas	p/st
0104	Nagħaġ u mogħoż ħajjin:		
0104 10	-- Nagħaġ:		
0104 10 10	-- -- Animali ta' razza pura għat-tnissil ⁽²⁾	Bla ħlas	p/st
	-- -- Oħrajn:		
0104 10 30	-- -- -- Ħrief (li ma jkollhomx iżjed minn sena)	80,5 €/100 kg/net ⁽³⁾	p/st
0104 10 80	-- -- -- Oħrajn	80,5 €/100 kg/net ⁽³⁾	p/st
0104 20	-- Mogħoż:		
0104 20 10	-- -- Animali ta' razza pura għat-tnissil ⁽²⁾	3,2	p/st
0104 20 90	-- -- Oħrajn	80,5 €/100 kg/net ⁽³⁾	p/st
0105	Pollam ħaj, jiġifieri, tjur tal-ispeċi <i>Gallus domesticus</i>, papri, wiżż, dundjani u farawni:		
	-- Li ma jiżnux iżjed minn 185 g:		
0105 11	-- -- Tjur tal-ispeċi <i>Gallus domesticus</i>:		

⁽¹⁾ Id-dħul f'din is-subintestatura huwa soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni Ewropea (ara r-Regolament (UE) 2016/1012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 171, 29.6.2016, p. 66); ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/717 (ĠU L 109, 26.4.2017, p. 9); id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/510/KE (ĠU L 210, 20.8.1996, p. 53)).

⁽²⁾ Id-dħul f'din is-subintestatura huwa soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni Ewropea (ara r-Regolament (UE) 2016/1012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 171, 29.6.2016, p. 66); ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/717 (ĠU L 109, 26.4.2017, p. 9); ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 874/96 (ĠU L 118, 15.5.1996, p. 12); id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/510/KE (ĠU L 210, 20.8.1996, p. 53)).

⁽³⁾ Kwota tariffarja tad-WTO.

▼ M218

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali tad-dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
	— — — Flieles nisa nanniet u ġenituri:		
0105 11 11	— — — — Irjus għall-bajd	52 €/1 000 p/st	p/st
0105 11 19	— — — — Oħrajn	52 €/1 000 p/st	p/st
	— — — Oħrajn:		
0105 11 91	— — — — Irjus għall-bajd	52 €/1 000 p/st	p/st
0105 11 99	— — — — Oħrajn	52 €/1 000 p/st	p/st
0105 12 00	— — Dundjani	152 €/1 000 p/st	p/st
0105 13 00	— — Papri	52 €/1 000 p/st	p/st
0105 14 00	— — Wiżż	152 €/1 000 p/st	p/st
0105 15 00	— — Farawni	52 €/1 000 p/st	p/st
	— Oħrajn:		
0105 94 00	— — Tjur tal-ispeċi <i>Gallus domesticus</i>	20,9 €/100 kg/net	p/st
0105 99	— — Oħrajn:		
0105 99 10	— — — Papri	32,3 €/100 kg/net	p/st
0105 99 20	— — — Wiżż	31,6 €/100 kg/net	p/st
0105 99 30	— — — Dundjani	23,8 €/100 kg/net	p/st
0105 99 50	— — — Farawni	34,5 €/100 kg/net	p/st
0106	Animali ħajjin oħrajn:		
	— Mammiferi:		
0106 11 00	— — Primati	Bla ħlas	p/st
0106 12 00	— — Baleni, dniefel u dniefel suwed (mammiferi tal-ordni Cetacea); lamantini u dugongi (mammiferi tal-ordni Sirenia); foki, iljuni tal-baħar u odobeni (mammiferi tas-subordni Pinnipedia)	Bla ħlas	p/st
0106 13 00	— — Iġmła u kamelidi oħrajn (Camelidae)	Bla ħlas	p/st
0106 14	— — Fniek u liebri:		
0106 14 10	— — — Fniek domestiċi	3,8	p/st
0106 14 90	— — — Oħrajn	Bla ħlas	—
0106 19 00	— — Oħrajn	Bla ħlas	—
0106 20 00	— Rettili (inklużi sriep u fkieren)	Bla ħlas	p/st
	— Għasafar:		
0106 31 00	— — Għasafar tal-priża	Bla ħlas	p/st
0106 32 00	— — <i>Psittaciformes</i> (inklużi pappagalli, parrukketti, makawi u kakatuwi)	Bla ħlas	p/st

▼ **M218**

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali tad-dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
0106 33 00	- - Nagħam; emu (<i>Dromaius novaehollandiae</i>)	Bla ħlas	p/st
0106 39	- - Oħrajn:		
0106 39 10	- - - Ħamiem	6,4	p/st
0106 39 80	- - - Oħrajn	Bla ħlas	—
	- Insetti:		
0106 41 00	- - Nahal	Bla ħlas	—
0106 49 00	- - Oħrajn	Bla ħlas	—
0106 90 00	- Oħrajn	Bla ħlas	—

▼ **M218****KAPITOLU 2****LAĦAM U ĠEWWIENI TAL-LAĦAM LI JITTIEKEL****Nota**

1. Dan il-kapitolu ma jkoprix:

- (a) prodotti tat-tip deskritt fl-intestaturi 0201 sa 0208 jew 0210, mhux tajbin jew mhux adattati għall-konsum mill-bniedem;
- (b) imsaren, bżiežaġ u stonki ta' annimali (intestatura 0504) jew demm tal-annimali (intestaturi 0511 jew 3002); jew
- (c) xaħam tal-annimali, għajr prodotti tal-intestatura 0209 (Kapitolu 15).

Noti addizzjonali

1. A. *L-espressjonijiet li ġejjin għandu jkollhom it-tifsira li qed tingħatalhom hawn taħt:*

(a) *“karkassi ta’ annimali bovini”, għall-finijiet tas-subintestaturi 0201 10 u 0202 10: karkassi sħaħ tal-annimali maqtulin wara li jkunu žsvinati, l-imsaren imneħħija u mqaxxin, impurtati bl-irjus jew mingħajrhom, bis-saqajn jew mingħajrhom u bil-bqija tal-ġewwieni jew mingħajru magħhom. Meta karkassi jkunu impurtati mingħajr l-irjus, dawn tal-aħħar iridu jkunu maqtuġħin mill-karkassa fl-għaksa atlojdo-oċċipitali. Meta jkunu impurtati mingħajr is-saqajn, dawn tal-aħħar iridu jkunu maqtuġħin fl-għaksa karmo-metakarpali jew tarso-metatarsali; “karkassa” tinkludi l-biċċa ta’ quddiem tal-karkassa bl-għadam kollu u l-ponta tal-għonq, l-għonq u l-ispalla, b’aktar minn 10 pari kustilji;*

(b) *“nofs karkassi ta’ annimali bovini”, għall-finijiet tas-subintestaturi 0201 10 u 0202 10: il-prodott li jirriżulta mill-qasma simetrika tal-karkassa sħħa min-nofs ta’ kull vertebra ċervikali, dorsali, lumbari u sakrali u min-nofs l-isternu u s-simfisi isċjopubika; “nofs karkassa” tinkludi l-biċċa ta’ quddiem tan-nofs karkassa bl-għadam kollu u l-ponta tal-għonq, l-għonq u l-ispalla, b’aktar minn 10 kustilji;*

(c) *“robbijiet”, għall-finijiet tas-subintestaturi 0201 20 20 u 0202 20 10: porzjonijiet magħmulin jew minn:*

— *robbijiet ta’ quddiem bl-għadam kollu u l-ponta tal-għonq, l-għonq u l-ispalla, u maqtuġħin mal-għaxar kustilja; u robbijiet ta’ wara bl-għadam kollu u bil-koxxa u l-vagant, maqtuġħin mat-tielet kustilja, jew*

— *robbijiet ta’ quddiem bl-għadam kollu u l-ponta tal-għonq, l-għonq u l-ispalla, u maqtuġħin mal-ħames kustilja, bit-tahraka tal-falda u s-sider sħaħ magħhom; u robbijiet ta’ wara li jinkludu l-għadam kollu u l-koxxa u l-vagant, u maqtuġħin mat-tmien kustilja.*

Ir-robbijiet ta’ quddiem u r-robbijiet ta’ wara li jagħmlu “robbijiet spulpjati” għandhom ikunu impurtati fl-istess ħin u f’numri ugwali, u l-piż totali tar-robbijiet ta’ quddiem għandu jkun l-istess bħal dak tar-robbijiet ta’ wara; madankollu, differenza bejn il-piżijiet taż-żewġ partijiet tal-kunsinna titħalla sakemm din ma taqbiż il-5 % tal-piż tal-itqal parti (robbijiet ta’ quddiem jew robbijiet ta’ wara);

(d) *“robbijiet ta’ quddiem mhux mifrudin”, għall-finijiet tas-subintestaturi 0201 20 30 u 0202 20 30: il-parti ta’ quddiem ta’ karkassa, li tinkludi l-għadam kollu u l-ponta tal-għonq, l-għonq u l-ispalla, b’minimu ta’ erba’ pari kustilji u massimu ta’ 10 pari kustilji (l-ewwel erba’ pari kustilji għandhom ikunu sħaħ, l-oħrajn jistgħu jkunu maqtuġħin), bil-falda rqiqa jew mingħajrha;*

▼ M218

- (e) “robbijiet ta’ quddiem mifrudin”, għall-finijiet tas-subintestaturi 0201 20 30 u 0202 20 30: il-parti ta’ quddiem tan-nofs karkassa, li tinkludi l-għadam kollu u l-ponta tal-għonq, l-għonq u l-ispalla, b’minimu ta’ erba’ kustilji u massimu ta’ 10 kustilji (l-ewwel erba’ pari kustilji għandhom ikunu sħaħ, l-oħrajn jistgħu jkunu maqtugħin), bil-falda rqiqa jew mingħajrha;
- (f) “robbijiet ta’ wara mhux mifrudin”, għall-finijiet tas-subintestaturi 0201 20 50 u 0202 20 50: il-parti ta’ wara ta’ karkassa li tinkludi l-għadam kollu u l-koxxa u l-vagant, inkluż il-flett, b’minimu ta’ tliet pari kustilji sħaħ jew maqtugħin, bil-marloċ jew mingħajru u bil-falda rqiqa jew mingħajrha;
- (g) “robbijiet ta’ wara mifrudin”, għall-finijiet tas-subintestaturi 0201 20 50 u 0202 20 50: il-parti ta’ wara ta’ nofs karkassa, li tinkludi l-għadam kollu u l-koxxa u l-vagant, inkluż il-flett, b’minimu ta’ tliet kustilji sħaħ jew maqtugħin, bil-marloċ jew mingħajru u bil-falda rqiqa jew mingħajrha;
- (h) 1. qatgħat “tal-ħawsla” u “tal-għonq bil-kozz”, għall-finijiet tas-subintestatura 0202 30 50: il-biċċa dorsali tar-robbu ta’ quddiem, inkluża l-parti ta’ fuq tal-ispalla, miksuba minn robbu ta’ quddiem b’minimu ta’ erba’ kustilji u b’massimu ta’ 10 kustilji maqtugħa b’linja dritta mill-punt fejn l-ewwel kustilja taqgħad mal-ewwel segment tal-isternu sal-punt tar-rifless tad-dijaframma fuq l-għaxar kustilja;
2. qatgħa “tas-sidra”, għall-finijiet tas-subintestatura 0202 30 50: il-parti t’isfel tar-robbu ta’ quddiem, li tinkludi t-tarf tas-sidra taż-żokra u t-tarf tal-ponta tas-sidra.
- B. Prodotti koperti min-noti addizzjonali 1 (A)(a) sa (g) ta’ dan il-kapitolu jistgħu jkunu preżentati bil-kolonna vertebrali jew mingħajrha.
- Ċ. Biex ikun determinat in-numru ta’ kustilji sħaħ jew maqtugħin imsemmijin fin-nota addizzjonali 1(A), għandhom jingħaddu biss dawk magħqudin mal-kolonna vertebrali. Jekk il-kolonna vertebrali tkun tneħħiet, il-kustilji sħaħ jew maqtugħin li kieku kienu jkunu magħqudin direttament mal-kolonna vertebrali biss għandhom jingħaddu.
2. A. L-espressjonijiet li ġejjin għandu jkollhom it-tifsira li qed tingħatalhom hawn taħt:
- (a) “karkassi jew nofs karkassi”, għall-finijiet tas-subintestaturi 0203 11 10 u 0203 21 10: majjali maqtulin, fil-forma ta’ karkassi ta’ ħnieżer domestiċi li kienu svinati u mbattlin u li minnhom tneħħew il-lanżit u d-dwiefer. Nofs karkassi jiġu minn karkassi sħaħ permezz ta’ qsim minn ġo kull vertebra ċervikali, dorsali, lumbari u sakrali, minn ġo jew matul l-isternu u matul is-simfisi iskjopubika. Dawn il-karkassi jew nofs karkassi jistgħu jkunu b’ras jew mingħajr ras, bil-parti inferjuri tal-warda, bis-saqajn, bix-xaħam tal-kliewi, bil-kliewi, bid-darb jew bid-dijaframma jew mingħajrhom. Nofs karkassi jistgħu jkunu bin-nerv tas-sinsla tad-dahar, bil-moħħ jew bl-ilsien jew mingħajrhom. Karkassi u nofs karkassi ta’ majjali nisa jistgħu jkunu bil-bżiezel (glandoli mammarji) jew mingħajrhom;
- (b) “koxox tal-majjal” (koxox), għall-finijiet tas-subintestaturi 0203 12 11, 0203 22 11, 0210 11 11 u 0210 11 31: il-parti ta’ wara (tad-darb) tan-nofs karkassa, li tinkludi l-għadam, bis-sieq, bil-marloċ, bil-ġilda jew bix-xaħam taħt il-ġilda jew mingħajrhom.

Il-koxxa tal-majjal (koxxa) tkun mifruda mill-bqija tan-nofs karkassa, biex din tinkludi, l-aktar, l-aħħar vertebra lumbari;

▼ **M218**

- (c) “truf ta’ quddiem”, għall-finijiet tas-subintestaturi 0203 19 11, 0203 29 11, 0210 19 30 u 0210 19 60: il-parti (kranjali) ta’ quddiem tan-nofs karkassa mingħajr ir-ras, bil-parti inferjuri tal-warda jew mingħajrha, inklużi għadam, bis-sieq, bil-marloċċ, bil-ġilda jew bix-xaħam taħt il-ġilda jew mingħajrhom.

It-tarf ta’ quddiem ikun mifrud mill-bqija tan-nofs karkassa biex jinkludi, l-aktar, il-ħames vertebra dorsali.

Il-biċċa ta’ fuq (dorsali) tat-tarf ta’ quddiem, kemm jekk tkun bl-għadma tal-iskapula u l-muskoli magħha (tarf tal-għonq frisk jew l-għonq immellħa) u kemm jekk le, titqies bħala qatgħa tal-lojn, meta tkun mifruda mill-biċċa (taż-żaqq) t’isfel tat-tarf ta’ quddiem, l-aktar b’qatgħa eżatt taħt il-kolonna vertebrali;

- (d) “spalel”, għall-finijiet tas-subintestaturi 0203 12 19, 0203 22 19, 0210 11 19 u 0210 11 39: il-biċċa t’isfel tat-tarf ta’ quddiem kemm jekk bl-għadma tal-iskapula u l-muskoli magħha u kemm jekk le, inklużi għadam, bis-sieq, bil-marloċċ, bil-ġilda jew bix-xaħam taħt il-ġilda jew mingħajrhom.

L-għadma tal-iskapula u l-muskoli tagħha, preżentati separatament, għandhom jibqgħu kklassifikati f’din is-subintestatura bħala biċċa mill-ispalla;

- (e) “lojns”, għall-finijiet tas-subintestaturi 0203 19 13, 0203 29 13, 0210 19 40 u 0210 19 70: il-biċċa ta’ fuq tan-nofs karkassa, li tibda mill-ewwel vertebra ċervikali sal-vertebri tad-denb, inklużi għadam, bil-flett tal-vagant jew mingħajru, għadma tal-iskapula, xaħam taħt il-ġilda jew ġilda jew mingħajrhom.

Il-lojn ikun mifrud mill-biċċa t’isfel tan-nofs karkassa b’qatgħa eżatt taħt il-kolonna vertebrali;

- (f) “żquq”, għall-finijiet tas-subintestaturi 0203 19 15, 0203 29 15, 0210 12 11 u 0210 12 19: il-biċċa t’isfel tan-nofs karkassa li tkun bejn il-koxxa tal-majjal (koxxa) u l-ispalla, magħrufa komunement bħala “streaky”, bl-għadam jew mingħajru, iżda bil-ġilda u x-xaħam taħt il-ġilda;

- (g) “nofs karkassa tal-bacon”, għall-finijiet tas-subintestatura 0210 19 10: in-nofs karkassa tal-majjal mingħajr ir-ras, il-ħaddejn, ix-xedaq, is-saqajn, id-denb, ix-xaħam tal-kliewi, il-kliewi, il-flett tal-vagant, l-għadma tal-iskapula, l-isternu, il-kolonna vertebrali, l-għadma pelvika u d-dijafamma;

- (h) “iliet kwarti anterjuri”, għall-finijiet tas-subintestatura 0210 19 10: in-nofs karkassa tal-bacon mingħajr il-koxxa tal-majjal, bl-għadma jew mingħajrha;

- (ij) “iliet kwarti posterjuri”, għall-finijiet tas-subintestatura 0210 19 20: in-nofs karkassa tal-bacon mingħajr it-tarf ta’ quddiem, bl-għadma jew mingħajrha;

- (k) “partijiet ċentrali”, għall-finijiet tas-subintestatura 0210 19 20: in-nofs karkassa tal-bacon mingħajr il-koxxa tal-majjal u t-tarf ta’ quddiem, bl-għadma jew mingħajrha.

Is-subintestatura tinkludi wkoll qatgħat tal-partijiet ċentrali li jkun fihom laħam tal-lojn u taż-żaqq fi proporzjon naturali għall-partijiet ċentrali sħaħ.

- B. Il-partijiet tal-qatgħat definiti fil-paragrafu 2 (A)(f) jaqgħu biss fl-istess subintestaturi jekk ikun fihom il-ġilda u x-xaħam taħt il-ġilda.

Jekk il-qatgħat li jaqgħu fis-subintestaturi 0210 11 11, 0210 11 19, 0210 11 31, 0210 11 39, 0210 19 30 u 0210 19 60 ikunu ġejjin minn nofs karkassa tal-bacon li minnu jkunu diġa’ tneħħew l-għadam indikati fil-paragrafu 2 (A)(g), il-linji tal-qtugħ għandhom għalhekk jimxu fuq daww stipulati fil-paragrafu 2 (A)(b), (c) u (d); f’kull każ, dawn il-qatgħat jew b’hejje tagħhom għandu jkollhom l-għadam.

▼ **M218**

Ċ. *Is-subintestaturi 0206 49 00 u 0210 99 49, għandhom, jinkludu, partikularment, irjus jew nofs irjus ta' ħanżir domestiku, bl-imħuħ, il-ħaddejn jew l-ilsna, u l-bċejjeċ tagħhom jew mingħajrhom.*

Ir-ras tkun mifruda mill-bqija tan-nofs karkassa kif ġej:

— *b'qatgħa dritta parallela mal-kranju; jew*

— *b'qatgħa parallela mal-kranju sal-livell tal-għajnejn u mbaġħad iddur għal quddiem tar-ras, biex b'hekk l-ixdqa jibqgħu mwaħħlin man-nofs karkassa.*

Il-ħaddejn, il-ħartuma u l-widnejn flimkien mal-laħam imwaħħal mar-ras, partikularment man-naħa ta' wara, jitqiesu parti mill-irjus. Iżda, il-qatgħat ta' laħam mingħajr għadam tat-tarf ta' quddiem, preżentati waħedhom (id-daqna, il-parti inferjuri tal-warda jew il-parti inferjuri tal-warda u d-daqna flimkien), jaqgħu fis-subintestatura 0203 19 55, 0203 29 55, 0210 19 50 jew 0210 19 81, skont il-każ.

D. *Għall-finijiet tas-subintestaturi 0209 10 11 u 0209 10 19, "xaħam ta' taħt il-ġilda tal-majjal" għandu jfisser it-tessut xaħmi li jinġabar taħt il-ġilda tal-majjal u jeħel magħha, immaterjali minn liema parti tal-majjal tkun ġejja; f'kull każ, il-piż tat-tessut xaħmi għandu jaqbeż il-piż tal-ġilda.*

Dawn is-subintestaturi jinkludu ukoll xaħam ta' taħt il-ġilda tal-majjal li minnu tkun tneħħiet il-ġilda.

E. *Għall-finijiet tas-subintestaturi 0210 11 31, 0210 11 39, 0210 12 19 u 0210 19 60 sa 0210 19 89, prodotti li fihom il-proporzjon ilma/proteina fil-laħam (kontenut ta' nitroġenu × 6,25) huwa 2,8 jew inqas jitqiesu bħala "mnixxfjn jew affumikati". Il-kontenut ta' nitroġenu għandu jitkejjel skont il-metodu ISO 937-1978.*

3. A. *Għall-għanijiet tal-intestatura 0204, l-espressjonijiet li ġejjin għandhom ifissru kif inħuma assenjati hawn taħt:*

